

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/2054**tas-16 ta' Novembru 2015****li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK.
- (2) Fit-2 ta' Novembru 2015, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, emenda l-lista ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ ĠUL 199, 2.8.2011, p. 57.

ANNEX

L-entrata li ġejja tiżdied fil-Parti A tal-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK (Individwi assoċjati mat-Taliban):

Torek Agha (*pseudonimu*: **(a)** Sayed Mohammed Hashan, **(b)** Torak Agha, **(c)** Toriq Agha, **(d)** Toriq Agha Sayed).

Titolu: Haji. **Indirizz:** Pashtunabad, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** **(a)** 1960 **(b)** 1962 **(c)** Bejn wieħed u ieħor 1965. **Post tat-twelid:** **(a)** Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan **(b)** Pishin, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Pakistani 5430312277059 (miksub b'mod frodulenti u minn dak iż-żmien ikkanċellat mill-Gvern tal-Pakistan). **Informazzjoni oħra:** Kmandant ewlieni tal-kunsill militari tat-Taliban involut fil-ġbir ta' fondi minn donaturi bbażati fil-Golf. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 2.11.2015.
